Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,738, 19 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 446 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master of Arts in Open and Networked Higher Education – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master of Arts in Open and Networked Higher Education – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Open and Networked Higher Education – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Open and Networked Higher Education – M.A.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Open and Networked Higher Education – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Open and Networked Higher Education – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew Ottubru 2021 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor f'qasam ta' studju meqjus bħala rilevanti mill-Bord, miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxut mis-Senat u kklassifikat tal-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II.

(2) Il-Bord tad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jħalli jidħlu wkoll applikanti li m'għandhomx grad tal-ewwel ċiklu, jekk ikun sodisfatt li dawn l-applikanti għandhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza rilevanti li flimkien ikunu meqjusa bħala komparabbli għall-livell tal-ewwel grad. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa juru t-tagħlim miksub b'esperjenza preċedenti u bi kwalifiki, permezz ta' proċeduri ta' evalwazzjoni kif stabbilit fil-Politika għar-Rikonoxximenti u l-Akkreditazzjoni ta' Tagħlim Preċedenti (*RPL*) tal-Università.

(3) Id-dħul tal-applikanti jista' jkun kondizzjonalment fuq ir-rizultat tal-intervista li titmexxa minn bord tal-intervisti, maħtur mill-Bord għal dan il-għan, u li jkun magħmul minn għall-anqas tliet membri.

(4) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. In-numru ta' postijiiet disponibbli, meta applikabbli, għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Meta l-għadd ta' applikanti jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli jew il-Bord iqis neċessarju, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza rilevanti tax-xogħol fil-qasam ta' studju propost;
(ċ) il-kapaċità u d-dispożizzjoni professjonali; u
(d) il-livell milħuq waqt intervista mmexxija mill-bord tal-intervisti.

(6) Għall-iskop tal-għażla, dawk l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom kif stipulat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament kienu miksuba sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors jiġu kkunsidrati l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti f'taqsmiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

(3) L-istudenti li jiksbu b'suċċess set preskritt ta' taqsimiet studju mgħallma li jammonta għal 30 krettu ECTS b'marka medja ta' mill-inqas 50% u ma jkomplux bil-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(4) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-inqas 50% u ma jkomplux bil-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(5) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif imsemmi fil-programm ta' studju tal-Kors b'marka mejda ta' mhux inqas minn 50%.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, għat-taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu mill-ġdid għall-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, ikunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul l-aħħar semestru tal-Kors *full-time* jew fl-aħħar żewġ semestri tal-Kors *part-time*. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tielet semestru tal-Kors *part-time* jew sal-bidu tat-tieni semestru tal-Kors *full-time*.

(4) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(5) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx offra opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.